MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1603/2003

**Zet Limited**

**vs**

**George Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Awissu, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u sittin lira Maltin (Lm268) rappresentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' "awning" (tinda) tal-canvas li giet installata mill-kumpanija attrici fuq id-dghajsa tieghu bl-isem ta' "Princess Duda", fuq istruzzjonijiet tieghu stess f'Marzu 2002, liema ammont l-istess konvenut ghalkemm interpellat baqa' ma halalsx.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 26 ta' Gunju 2000, tal-parir (Lm15) kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2003 meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u sittin lira Maltin (Lm268), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------